**148. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi l-policy dwar it-trasferiment ta' Art tal-Gvern għall-għanijiet tal-Artiklu 3 (1) (b) tal-Att tal-1976, kif approvata mill-Kamra fl-4 ta' Awissu 1976 u kif sussegwentement kienet emendata mill-istess Kamra fit-2 ta' Ġunju 1981 u fil-25 ta' Mejju 1983 għandha tkompli tiġi emendata kif ġej, b'effett mill-1 ta' Jannar, 1984:

(i) Fl-Artiklu 6 'Trasferiment b'titolu ta' kiri' il-paragrafu (e) għandu jispiċċa b'*semi-colon* flok *full stop*; u warajh jiżdied dan il-paragrafu ġdid (f):

"(f) jekk tikkonsisti f'bini (kompriża art aċċessorja għalih) li jingħata prinċipalment għal użu kummerċjali speċifiku li jista' jsir biss taħt liċenzja maħruġa mill-Gvern għal dak l-użu taħt liġi speċjali."

(ii) Wara l-Artiklu 11 'Estensjoni ta' Kirja' għandu jiżdied dan l-artiklu ġdid:

"Sullokazzjoni f'Kirja

12. Ikun jista' jingħata permess għas-sullokazzjoni ta' parti minn bini akbar għal użu kummerċjali, konness ma', jew aċċessorju jew ancillari għall-użu mill-Gvern tal-bini li minnu hija parti."

02.04.1984